ROYAL UNIVERSITY OF MALTA MELITENSIA



# PATRI G. MEILAK, S.J.

Fl-aħħar Nru. ta' "Il-Malti" fi kronaka ċkejkna aħna fissirna fi ftit kliem il-ferħ tagħna lil Patri Ġ. Meilak f'għeluq is-Sittin Sena ta' ħajja reliġjuża tiegħu fil-Kumpannija ta' Ġesù. Iżda, jixraq li għax-xogħol li ħadem f'dan it-tul ta' żmien, fil-qasam ta' ħajja reliġjuża u għall-ħidmiet oħra li sfaw ta' ġid fil-kamp soċjali, storiku u letterarju, din id-darba nagħtu fuqu xi tagħrif bijografiku ta' dawn il-ħidmiet li fihom Patri Meilak huwa l-iktar magħruf.

Patri Meilak twieled ir-Rabat, Għawdex, fid-19 ta' Mejju, 1888. Huwa daħal ġiżwita fid-19 ta' Novembru, 1903, wara li temm l-istudji tiegħu fl-Iskola Sekondarja tal-Gvern, Għawdex, meta wkoll, dment li kien għadu jmur l-iskola, kien imur igħin, bħala abbati, lil zijuh, Dun Anton Debono, Kappillan ta' Kerċem, fil-knisja ta' dak ir-raħal, kif ukoll il-Kattidral ta' Għawdex, meta zijuh kien laħaq Kanonku ta' dik il-Knisja Kapitolari.

In-Novizzjat għamlu fil-Kulleġġ ta' San Lwiġi taħt ir-Rettur Patri A. Meilak, zijuh, u komplieh wara f'Bagerija, fid-Dar u Villa San Cataldo u f'Villarosa tal-Ġiżwiti, fejn issokta l-istudji tiegħu tal-Grieg, letteratura Latina, Taljana, Xjenza u Filosofija sa l-1911, meta mbagħad is-Superjuri tiegħu bagħtuh Malta fil-Kulleġġ tal-Ġiżwiti jagħmilha ta' Prefett ta' Kamerata u jgħallem l-iskola.

Wara kors ta' tliet snin Teoloġija f'Posillipo, huma ħa l-Ordinazzjoni Saċerdotali fil-Belt ta' Napli, fid-29 ta' Lulju, 1917, u qaddes l-Ewwel Quddiesa fis-Santwarju tal-Madonna ta' Pompej. Dak iż-żmien l-Ewwel Gwerra tad-Dinja kienet fl-eqqel tal-ħruxija tagħha u Patri Meilak, dik il-ħabta, kien f'Mussomeli (Sqallija) jieħu ħsieb is-Santwarju tat-Tfal li kellhom il-vokazzjoni għall-ħajja reliġjuża, meta bosta minn sħabu Ġiżwiti żgħażagħ Sqallin kienu msejħin taħt l-armi fl-eżerċitu Taljan.

Wara li għamel xi żmien f'Posillipo jkompli r-raba' sena tat-Teoloġija, u mbagħad f'Firenze, jagħmel it-tielet sena tan-Novizzjat sa l-1920, huwa niżel Aċireale, fejn wara sena li dam hemmhekk, fid-dar tal-Ġiżwiti, telaq għal Malta. Wara ħames snin li dam fil-Kulleġġ ta' San Lwiġi, Birkirkara, fl-1926, ġie mibgħut fid-Dar tal-Knisja ta' Sarria biex jieħu ħsieb il-Knisja u l-*Opra tal-Apostolat tat-Talb* u l-edizzjoni *tal-Messaġġier tal-Qalb ta' Ġesù*. Hawnhekk, Patri Meilak ħa sehem kbir fit-twaqqif tal-Festa ta' Kristu Re meta fuq l-inizjattiva tad-Diretturi ta' l-Apostolat ta' barra, kien ħoloq hawn Malta l-Purċissjoni u l-Funzjoni esterna tal-Festa ta' Kristu Re, li għalihom baqa' msemmi.

Patri Meilak, wara xi tliet snin, kien meħtieġ li jerġa' jgħaddi xi żmien barra minn Malta, l-ewwel f'Modika, (1929) u mbagħad f'Palermu fejn kien ma' Patri Gulielmu Pennissi, S.J., u, wara, fl-1939, f'Katanja, fejn sar Superjur tad-Dar "Crocifisso dei Miracoli". Hekk kif

fl-1939, inqalgħet it-Tieni Gwerra l-Kbira, lill-Patri Meilak il-Gvern Taljan, żammu priġunier, bħala sudditu Ingliż, l-ewwel f'Firenze, imbagħad f'Gallarate u fl-aħħar f'Salluzzo.

Wara l-Gwerra, Patri Meilak reġa' sab ruħu hawn Malta inkarikat bħala Rettur mill-Knisja u Dar ta' Sarria. Kemm dam jamministra Rettur fil-Knisja ta' Sarria, bdew isiru funzjonijiet kbar u tiżjin mill-isbaħ fil-Festa tal-Kunċizzjoni u festi oħra li soltu kienu jsiru, fosthom, ta' Sant'Injazju, tal-Qalb ta' Ġesù, tal-Milied, eċċ. Kien dak iż-żmien li Patri Meilak kont issibu jaħdem fid-dizzjunarju Malti, u jikteb l-Istorja tal-Ġiżwiti f'Malta, kif ukoll l-Istorja tal-Knisja tal-Manresa tal-Furjana. Wara xi żmien, Patri Meilak ittieħed il-Kulleġġ ta' San Lwiġi. Birkirkara, biex jilħaq id-dmirijiet ta' Ekonomu, minn hemm imbagħad, ittieħed fid-Dar tal-Ġiżwiti, in-Naxxar, u min-Naxxar, wara sena, telaq għal Għawdex fid-Dar tal-Manresa, dari msejħa "Casa Santa", fejn issa qed jassisti fid-dmirijiet kollha spiritwali ta' dak il-post ta' l-Irtir.

Hawnhekk, Patri Meilak, sab ruħu fi stat illi, barra d-dmirijiet tiegħu reliġjużi, kien jista' jissokta x-xogħol tiegħu ta' kitba ta' traduzzjonijiet bil-Malti ta' kotba spiritwali li għandhom x'jaqsmu marreguli tal-Kumpannija ta' Ġesù u kotba oħra reliġjużi kif kultant kien ikun mitlub mis-Superjuri tiegħu, kif ukoll jedha bix-xogħol tad-dizzjunarju Malti li fih għadu jaħdem sal-lum, xogħol ta' fejda mill-akbar għall-istudju tal-lessiku Malti.

Patri Meilak, barra milli hu Membru tal-Għaqda, huwa wkoll wieħed mill-kollaburaturi qodma ta' *"Il-Malti"*, u 'l hawn u 'l hinn, barra minn xi proża, ġie li qrajna versi bil-Malti ħelwin mill-pinna tiegħu. Mill-proża, għal dik li hi terminolġija teknika, ta' min isemmi dik bl-isem ta' "Mill-Qamħa għall-Ħobża".

Filwaqt li nġeddu l-ferħ tagħna f'din l-okkażjoni sabiħa tal-Ġublew tad-Djamanti tal-ħajja reliġjuża tiegħu fil-Kumpannija ta' Ġesù, nitolbu lis-Sema li hu jibqa' fostna għal bosta u bosta snin oħra għall-ġid tal-Knisja, tal-Komunità reliġjuża, u mhux inqas ukoll għall-fejda ta' l-Ilsien Malti.

---

## REBUS GRAMMATIKALI

F'dawn il-kelmiet liema huwa s-suffis tal-femmemnil: *ja* jew *a*? GĦALIEX?

*Ġerrejja; ġejja; mistħija; mdorrija; miexja.*